



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tal-21 ta' Lulju 2016 – Nutria vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-832/14)

“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Rifjut li jiġi estiż it-terminu għall-irtirar tat-trab tal-ħalib xkumat fil-kuntest tal-programm ta' distribuzzjoni ta' prodotti tal-ikel għall-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni għas-sena 2010 — Ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi”

1. *Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Termini — Preskrizzjoni ta' ħames snin — Talba minn qabel indirizzata lil istituzzjoni f'dan it-terminu, segwita minn rikors għad-danni f'terminu ta' xahrejn wara t-teħid ta' pożizzjoni ta' din l-istituzzjoni — Ammissibbiltà (Artikoli 263 TFUE u 265 TFUE ; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 46 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53) (ara l-punti 35-37)*
2. *Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Intimazzjoni lill-Istituzzjoni — Kundizzjonijiet — Talba espliċita u preċiża (Artikolu 265 TFUE) (ara l-punt 43)*
3. *Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Teħid ta' pożizzjoni fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 265 TFUE qabel il-preżentata tar-rikors — Kunċett — Rifjut li tittieħed azzjoni skont sejħa għal azzjoni — Inklużjoni (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 265 TFUE) (ara l-punti 44-46)*
4. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kundizzjonijiet — Illegalità — Dannu — Rabta kawżali — Kundizzjonijiet kumulattivi — Assenza ta' waħda mill-kundizzjonijiet — Ċaħda tar-rikors għad-danni kollu kemm hu (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE) (ara l-punti 53, 54)*
5. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kundizzjonijiet — Illegalità — Ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni — Rekwiżit ta' nuqqas ta' osservanza manifest u gravi, mill-istituzzjonijiet, tal-limiti imposti fuq is-setgħa diskrezzjonali tagħhom — Rifjut li jiġi estiż it-terminu għall-irtirar tat-trab tal-ħalib xkumat fil-kuntest tal-programm ta' distribuzzjoni ta' prodotti tal-ikel għall-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni — Assenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi — Nuqqas ta' involviment tar-responsabbiltà tal-Unjoni (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 1234/2007, Artikolu 191; Regolament tal-Kummissjoni Nru 1111/2009, Artikolu 3(1)) (ara l-punti 55, 65, 69-72, 75, 78, 79, 83)*

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu li r-rikorrenti allegatament subiet minħabba r-rifjut, min-naħa tal-Kummissjoni, li testendi t-terminu għall-irtirar tat-trab tal-ħalib xkumat stabbilit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1111/2009, tad-19 ta' Novembru 2009, li jadotta l-pjan li jalloka lill-Istati Membri riżorsi li għandhom jitħallsu mill-baġit tas-sena 2010 għall-provvista tal-ikel mill-ħażniet tal-intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità u li jidderoga minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92 (ĠU L 306, p. 5).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Nutria AE Typopoiisis & Emporias Agrotikon Proïonton għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.